Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 21/2015

**Darren Farrugia u Stephanie Micallef (appellanti)**

**Vs**

**Creations, The Ultimate in Bathroom Elegance Ltd (appellata)**

28 ta' April, 2017.

1. B'avviz l-atturi talbu lit-Tribunal ghal Tabiet tal-Konsumatur sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma ta':

   (a) Elfejn sitt mija u tnejn u erbghin ewro (€2,642) depozitu li hallas lill-konvenuta ghax-xiri ta' madum;
   (b) Parti mis-somma ta' elf mija u wiehed u tletin ewro (€1,131) ghal kolla li kien uza biex wahhal il-madum.

   Fl-avviz l-attur isostni li: i) talab tip ta' madum u nghata madum iehor; ii) kien hemm nuqqas ta' taghrif dwar il-madum li gie moghti; iii) ghalkemm il-madum hu dikjarat bhala M1 - Materia 1 classe, fih hafna difetti.

2. Il-konvenuta kkontestat il-pretensjoni tal-attur billi ssostni li l-madum m'huwiex difettuz.

3. B'sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur cahad it-talba tal-atturi.

4. L-atturi appellaw mis-sentenza. Ghalkemm hemm zewg aggravji, dawn jirrelataw dwar l-apprezzament tal-provi li sar fl-ewwel istanza. L-atturi jsostnu li:

   i. Il-madum li xtraw kien difettuz.
   ii. Id-difett rawh wara li twahhal il-madum u thalleb.
   iii. Il-perit David Psaila ghamel rapport fejn jinghad li l-madum hu difettuz, u dan ghaliex huwa *warped* u cioe' hemm madum li minnu kien imqammar koppla u madum iehor imqammar banju.
   iv. It-Tribunal ma kellux jiddeciedi b'mod differenti minn dak li ddecieda fil-kazijiet 19/2015 u 20/2015.

v. Il-kwistjoni principali fiz-zewg kazijiet kienet, *".... il-kwalita tal-madum u cioe' jekk il-madum kienx wiehed difettuz jew le. Johrog car daqs il-kristall mir-rapport peritali li l-perit Cacopardo ma ddecidiex dwar dan"*. Fil-fatt il-perit tekniku qal li kellha tigi ezaminata iktar fil-fond il-kwistjoni dwar il-kwalita tal-madum.

vi. It-Tribunal ma kkunsidrax il-materja dwar id-diffikulta li kien hemm fit-tqeghid tal-madum, li ssemmiet fir-rapport tal-perit tekniku.

vii. It-Tribunal naqas milli jikkunsidra d-deposizzjoni ta' John Zahra, it-tile layer li wahhal il-madum, u li qal li kien ilu jaghmel dak ix-xoghol ghal hamsa u ghoxrin sena. Zied li hadem b'madum tat-tip lappato pero qatt ma ra madum lappato li kien imqammar.

5. L-appellata wiegbet li mill-provi kien irrizulta li t-tqeghid tal-madum ma sarx skont is-sengha u l-arti.

6. It-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq ir-rapport li hejja l-perit Carmel Cacopardo. Kien fis-seduta tat-12 a' Settembru, 2013 li t-Tribunal innomina lill-perit Cacopardo bhala perit gudizzjarju sabiex *"jezamina x-xoghol in kwistjoni inkluz il-madum li ntuza fil-fond tar-rikorrenti"*. Fir-rapport jinghad:

> *"Illi meta sar l-access kien tqieghed il-madum fil-flat numru 1 biss. Meta permezz ta' invell gie ezaminat il-mod kif tqieghed il-madum gie osservat li filwaqt li meta l-invell twil metru tqieghed fuq il-madum dan immarka illi l-madum imqieghed sewwa b'mod orrizontali. Izda meta minflok intuza invell izghar u li allura qaghad fuq maduma wahda dan ma tax l-istess rizultat.*
>
> *Sussegwentement gejt muri mill-intimati zewgt madumiet bhala indikazzjoni illi l-madum individwali kien ftit imqammar. Il-madum muri kien tali li meta tqieghed wicc imb'wicc kien tghaddi kemm kemm karta irqiqa.*
>
> *L-ezami ta' zewg madumiet mhux bizzejjed biex nasal ghall-konkluzjoni dwar il-kwalita tal-madum. Huwa necessarju li jkun stabbilit anke minn ezami tal-ispecifications jekk dan huwiex parti mid-dizinn tal-madum jew inkellha jekk huwiex eccezzjoni.*
>
> *Min-naha l-ohra huwa car li l-madum ma tqieghedx sewwa. Imma meta wiehed jikkunsidra li l-intimati offrew is-servizz ta' tile-layers ta' esperjenza bil-fors li nasal ghall-konkluzjoni illi l-intimati kienu konxji li seta' jkun hemm diffikultajiet fit-tqeghid tal-madum. Allura bilfors trid issir il-konsiderazzjoni jekk ir-rikorrenti kinux konxji bizzejjed ta' din id-diffikulta. Dan necessarjament iwassal ghal konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jmorru lil hin mill-inkarigu tieghi".*

7. Mis-sentenza jirrizulta li t-Tribunal:

i. Ikkonkluda li l-atturi ma nghatawx informazzjoni bizzejjed dwar il-prodott;

ii. L-atturi kellhom jindagaw fuq l-ispecifikazzjonijiet tal-madum li ghazlu;

iii. Qal li relazzjoni ta' perit m'ghandhiex tigi skartata facilment.

iv. *"Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu l-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtur minn dan it-Tribunal"*.

v. *"Illi r-rikorrenti isemmi fit-talba tieghu li talab madum specifiku u fl-istess talba ighid li ma nghatax taghrif bizzejjed fuq il-madum. Dan hu kontradittorju. Mill-affidavit stess tar-rikorrenti jidher car li kien jaf xi jrid u ghalhekk seta' facilment jara l-madum jekk kien dak li ried. Sussegwentement ir-rikorrenti gialadarba (kif stqarr fl-affidavit) kien imur kuljum jara x-xoghol ta' tqeghid, seta jikkonstata mal-ewwel jekk il-madum kienx jidher sew jew le"*.

8. Il-qorti tosserva li:-

   i. Il-perit tekniku qatt ma qal li l-madum li xtraw l-atturi kien difettuz, izda li ma kienx f'posizzjoni jasal ghal konkluzjoni dwar il-kwalita tal-madum. Fil-fatt qal ukoll li kien jehtieg li din il-materja tigi ezaminata iktar fil-fond. Hekk ukoll meta xehed (seduta tad-19 ta' Frar, 2015) qal: *"Nghid illi jien ma kellix l-ispecifications u allura ma nistax nghid jekk il-madum huwiex imqammar by design jew inkellha ikunx difettuz"*.

   ii. Ghalkemm fir-rapport jinghad li l-konvenuti offrew is-servizz ta' *tile layers* ta' esperjenza u ghalhekk jikkonkludi li kienu jafu bid-diffikultajiet fit-tqeghid tal-madum, din hi konsiderazzjoni li semmai kellu jaghmel it-Tribunal. Perit tekniku jinhatar sabiex jaghti opinjoni dwar materja teknika u mhux biex joqghod jinterpreta l-fatti.

   iii. Hu veru li l-perit tekniku qal li l-madum *"m'huwiex imqieghed sewwa"*. Pero' ma tax raguni kif wasal ghal din il-konkluzjoni. Dan apparti li mhux maghruf jekk dak il-fatt huwiex relatat mal-allegat difett fil-madum, gialadarba il-perit tekniku qal li ma kienx f'posizzjoni li jaghti opinjoni dwar il-kwalita tal-madum ikkonsenjat mill-konvenuta.

9. Gialadarba l-perit tekniku ddikjara li ma kienx f'posizzjoni li jirrelata dwar il-kwalita' tal-madum u li kien hemm bzonn li ssir iktar indagni, it-Tribunal ma kellux ighaddi ghas-sentenza qabel jaccerta ruhu x'seta' jsir biex jigi accertat jekk il-madum kienx difettuz jew le. Il-qorti zzid li:

   i. Il-perit tekniku m'esprima l-ebda opinjoni dwar jekk il-madum huwiex difettuz.
   ii. Il-fatt li l-perit tekniku rrelata li l-madum "ma tqeghidx sew", m'hijiex xi certifikat li l-madum m'huwiex difettuz. Fil-fatt kien il-perit tekniku stess li fir-rapport qal, ***"... huwa necessarju li tkun ezaminata iktar fil-fond l-issue tal-kwalita"***.

10. It-Tribunal ghamel ukoll riferenza ghal fatt li l-attur xehed:

*"(.....) u jien stess kull filghodu qabel immur ix-xoghol kont nghaddi sa hdejh*[1] *sabiex nara kif kien gej ix-xoghol"*.

Skont it-Tribunal dan ifisser li seta' jkun jaf mill-bidunett jekk il-madum kien jidher sew jew le. Pero' mis-sentenza jirrizulta li t-Tribunal ma qiesx dak li qal John Zahra, il-persuna li poggiet il-madum:

*"Hekk kif poggejt il-madum kollu u bdejt inhalleb, bdew johorgu hafna difetti fil-madum. Jiena fil-fatt kont gbidt l-attenzjoni ta' Darren fuq dawn id-difetti"*.

11. Il-qorti tqies ukoll li hemm kontradizzjoni fis-sentenza tat-Tribunal in kwantu fl-ewwel lok inghad li kien jidher li l-atturi ma nghatawx informazzjoni bizzejjed biex jikkonfermaw dak li kienu ser jixtru, u iktar 'il quddiem fis-sentenza jinghad li mill-affidavit tar-rikorrent, *"... jidher li kien jaf xi jrid u ghalhekk seta' facilment jara l-madum jekk kienx dak li ried"*.

12. Fic-cirkostanzi l-qorti tqies li l-ilment tal-atturi hu gustifikat, b'dan li l-kwistjoni fil-meritu ghad trid tigi deciza minn din il-qorti (ara artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur).

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u thassar is-sentenza tad-29 ta' Ottubru, 2015 u tordna li a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Kap. 378 il-kaz jibqa' jinstema' u jigi deciz minn din il-qorti.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

Anthony Ellul.

[1] Qed jirreferi ghat-*tile layer*, John Zahra.